MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Numru 405/2003

Il-Pulizija
(Sp Abraham Zammit)
vs
George Grech, iben Joseph,
imwieled Luqa fis-17 ta'
settembru, 1960

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fis-7 ta' marzu, 2003 għal ħabta tas-6.45 p.m. f'Raħal Ġdid, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja f'perikolu ċar, darab jew sawwat lil ommu Benedetta Grech u ikkaġunalha feriti ta' natura gravi, skond ma ċċertifika Dr. Grixti ta' l-Isptar San Luqa;
2. talli waqt li kien qed jikkometti l-imsemmi reat kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta u bil-ponta (mus) mingħajr il-liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

3. talli waqt li kien miżmum fl-għassa tal-pulizija ta’ Raħal Ġdid fil-kustodja tal-pulizija ħarab mill-imsemmi post;
4. kiser il-paċi pubblika u il-bon ordni b’għajjat, storbju, ġlied jew mod ieħor.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta’ frar, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 151, 338(dd), 17(b)(ċ), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikoli 13, 19, 26 u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta’ Malta
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ marzu, 2005 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat u ommu, Benedetta Grech, jgħixu fl-istess dar. Fis-7 ta’ marzu, 2003 għal ħabta tas-6.45 p.m. inqala argument bejniethom. Omm l-imputat dak il-ħin kienet qed taħsel il-qalżiet ta’ l-imputat meta għal raġuni stupida l-imputat dar fuq ommu u qaleb għal fuqha l-friskatur. Konsegwenza ta’ dan hi sofriet fl-ingropp tax-xelluq li hi ferita gravi per durata.

Illi fil-mori tal-kawża Benedetta Grech ħafret lill-imputat.

Illi wara li ġara l-inċident l-imputat ġie arrestat u ħaduh l-għassa ta’ Raħal Ġdid. Hu ried jitlaq biex jara ommu kif inhi iżda l-pulizija biex jeviaw inċident oħra żammew lill-imputat arrestat. Hu ma kienx maqful f’ċella iżda meta talab biex imur il-pulizija ma tatu ebda permess biex jitlaq.

Minkejja dan, l-imputat qabad u telaq mill-għassa fil-ħin li kien arrestat.

Illi l-akkuża li ġarr il-mus ma ġietx pruvata.

Illi l-ksur tal-paċi u bon ordni ma tirrizultax pruvata.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(d) u 151 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt lira maltin (Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------